# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-26 t'Ottubru, 2016.**

**Rikors Numru 43/2012 SM**

**Rose Deguara, mart Saviour (K.I. 777044 M), Christopher Deguara (K.I. 55172 M), Valerie Deguara, xebba, (K.I. 123076 M), u Mario Mercieca (K.I. 624254 M) [u skont verbal datat 17 ta' Jannar, 2013, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Anthony Camilleri *stante* l-mewt ta' Rose Deguara] (1)**

**vs.**

**Anthony Camilleri (K.I. 543248 M), Clotilde Camilleri xebba (K.I. 79328 M), skont digriet datat it-12 t'April,2016, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Philip Cilia (K.I. 531250 M) f'ismu proprju u bhala prokuratur specjali tal-imsiefra Mary Rose Vella (K.I. 750548 M), Vincenza sive Censina Brincat, Catherine Cilia,Victor Cilia u Lino Cilia stante il-mewt ta' Clotilde Camilleri, * Agnes Seguna armla ta' Emanuel (K.I. 32831 M), skont digriet datat it-12 t'April, 2016, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Anthony Camilleri stante l-mewt ta' Agnes Seguna [u skont verbal datat17 ta' Jannar, 2013, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Anthony Camilleri *stante* il-mewt ta' Carmen Mifsud] (2)**

**(1) Kliem imhassar skont digriet tal-Qorti tal-1 ta' Novembru, 2016.**

**(2) Kliem mizjud skont id-digriet tal-Qorti tal-1 ta' Novembru, 2016.**

* Skont digriet tal-Qorti tal-Appell datat 27/6/23 l-isem Agnes Seguna armla ta' Emanuel għandu jiġi jaqra 'Maria Agnese sive Agnes Seguna armla ta' Emanuel'. 27/6/2023

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-13 ta' Jannar, 2012, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponew is- segwenti: (ara foll 1)

1.1. Illi b'testment *"unica charta" in atti* tan-Nutar Dottor Pierre Cassar datat it-3 ta' Dicembru, 2001, il-konjugi Edward u Josephine Camilleri, minghajr *prole,* innominaw lill-eventwali superstiti bhala l-uniku eredi universali , (ara foll 6);

1.2. Illi l-istess testaturi stipulaw ukoll fl-istess testment li fil-kaz li huma jmutu fl-istess hin kienu allura qed jinnominaw u jistitwixxu eredi universali taghhom lil Rose Deguara, mart Saviour, lil Christopher Deguara iben Saviour, u lil Valerie Deguara xebba, bi dritt t'akkrexximent u bis-sostituzzjoni t'uliedhom, (ara foll 7);

1.3. Illi l-istess testaturi fuq indikati hallew ukoll legat favur Valerie Deguara, konsistenti fid-deheb tal-istess testatrici, (ara foll 7);

1.4. Illi *di piu`*, fil-kaz li t-testaturi jmutu fl-istess hin stipulaw ukoll li f'dan il-kaz kienu qed ihallu in pjena proprjeta` s-somma ta' hmistax- il elf Lira Maltin, (Lm15,000.00), lil Mario Mercieca, bis-sostituzzjoni ta' uliedu, (ara foll 7);

1.5. Illi t-testatur Edward Camilleri miet fit-2 ta' Lulju, 2010, superstiti ta' martu Josephine, (ara foll 18);

1.6. Illi skont dikjarazzjoni *"causa mortis" in atti* tan-Nutar Dottor Malcolm Licari datata t-28 ta' Dicembru, 2010, l-assi ereditarji tal-istess Edward Camilleri ghadda f'idejn l-intimati, (ara foll 8);

1.7. Illi r-rikorrenti jsosstnu li bl-ebda mod ma jista` jinghad li l-wirt in dizamina ghadda f'idejn l-intimati daqs li kieku miet intestat;

1.8. Illi t-testaturi *de quo* riedu u stabbilew li wara mewthom l-eredi jkunu dawk espressament minnhom indikati, (ara paragrafu numru wiehed punt tnejn, (1.2.), aktar qabel u foll 7);

1.9. Illi *di piu`*, specifikaw ukoll il-legat kif fuq indikat, (ara paragrafi numru wiehed punt tlieta, (1.3.), u wiehed put erbgha, (1.4.), aktar qabel u foll 7);

1.10. Illi wara l-mewt tal-imsemmi Edward Camilleri l-intimati hadu pussess tal-wirt kollu tieghu;

1.11. Illi jirrizulta li l-intimati ghamlu dan qabel m'ghamlu d-dikjarazzjoni *"causa mortis"* fuq riferita, (ara paragrafu numru wiehed punt sitta, (1.6.), aktar qabel);

1.12. Illi tali dikjarazzjoni saret wara li certi effetti tal-wirt kienu regolarment ghaddew f'idejn ir-rikorrenti;

1.13. Illi ghalhekk aderew din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.13.1. Tiddikjara li skont it-testment tal-konjugi Camilleri fuq riferiti l-wirt tal-istess Edward Camilleri li miet fit-2 ta' Lulju, 2010, ghadda f'idejn Rose Deguara, Christopher Deguara u Valerie Deguara, bhala werrieta, oltre li r-rikorrenti Mario Mercieca hu intitolat jiehu s-somma ta' hamsa u tletin elf Ewro, (€35,000.00), mill-istess wirt;

1.13.2. Tordna lill-intimati biex fi zmien qasir u perentorju prefiss, iroddu lura f'idejn ir-rikorrenti Rose, Christopher u Valerie, ilkoll Deguara, dawk il-beni kollha komponenti l-wirt ta' Edward Camilleri, komprizi flejjes rapprezentanti l-valur tal-legat favur Mario Mercieca;

1.13.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimati;

2.0. Rat ir-risposta guramentata datata l-5 ta' Marzu, 2012, li permezz taghha l-intimati sintetikament irrispondew is-segwenti: (ara foll 40);

2.1. Illi l-intimati huma l-eredi universali ta' Edward Camilleri;

2.2. Illi konsegwentement it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

2.3. Illi r-rikorrenti Rose, Christopher u Valerie Ilkoll Deguara, m'humiex il-werrieta ta' Edward Camilleri;

2.4. Illi l-ebda legat ta' Lm15,000.00 mhu dovut lil Mario Mercieca;

2.5. Illi konsegwentement, it-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti;

2.6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

2.7. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

3. Rat ukoll id-dikjarazzjoni tal-fatti kif esposti mill-intimati, (ara foll 41);

4. Rat id-digriet taghha datat il-25 ta' Novembru, 2015, li permezz tieghu, wara d-dikjarazzjoni tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet li ma kellhomx aktar provi x'jipproducu, u wara talba appozita tal-istess, awtorizzat lill-kontendenti biex jittrattaw il-kawza bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 190);

5. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tardiva tar-rikorrenti datata l-4 ta' Frar, 2016, (ara foll 191), flimkien ma dik tal-intimati datata l-14 ta' Marzu, 2016, (ara foll 211);

6. Semghet ix-xhieda kollha prodotta;

7. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati *in atti*;

8. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

9.1. Illi l-procedura in dizamina hi naxxenti mill-eredita` ta' Edward Camilleri li miet armel fit-2 ta' Lulju, 2010, supersiti ta' martu Josephine, (ara foll 18), li mietet tlett (3) snin qablu fiz-19 t'Awwissu, 2007, (ara foll 22);

9.2. Illi l-partijiet f'din il-procedura huma lkoll qraba tal-imsemmijin Edward u Josephine konjugi Camilleri:

9.2.1. Ir-rikorrenti: huma qraba ta' Josephine Camilleri;

9.2.2. L-intimati: huma qraba ta' Edward Camilleri;

9.3. Illi l-imsemmija Edward u Josephine Camilleri irregolaw il-wirt taghhom permezz ta' testment *"unica charta"* datat it-3 ta' Dicembru, 2001, *in atti* tan-Nutar Dottor Pierre Cassar, (ara foll 6);

9.4. Illi s-suddett testment indikat fil-paragrafu precedenti kien effettivament l-ahhar testment maghmul mill-imsemmi Edward Camilleri, (ara foll 19 u 21);

9.5. Illi fit-termini tal-imsemmi testment datat it-3 ta' Dicembru, 2001, l-imsemmi Edward Camilleri jirrizulta li wiret lil martu Josephine *stante* li mietet qabblu, (ara foll 18 u foll 22);

9.6. Illi in vista tal-premess, permezz tal-procedura odjerna:

9.6.1. Ir-rikorrenti qed jitolbu li jigu dikjarati li huma il-vera werrieta ta' Edward Camilleri;

9.6.2. L-intimati qed jirrispondu li minflok, huma ghandhom jigu dikjarati bhala l-unici eredi tal-istess Edward Camilleri;

Ikkunsidrat:

10. Illi hu ghaqli li f'dan l-istadju jigi sottolineat dak stabbilit mill-***Prim' Awla tal-Qorti Civili*** fil-kawza fl-ismijiet ***Grima et vs. Borg***, datata s-***16 ta' Mejju, 1961***, li tghid:

> "... meta disposizzjoni testamentarja li ghandha tigi interpretata hija maghmula f'termini cari u li ma joffrux ruhhom ghal xi ambigwita`, mhux lecitu ghal hadd li jaltera dawk it-termini bl-intromissjoni tax-xoghol tal-gudizzju tieghu";

11. Illi *di piu`*, issir ukoll referenza ghas-sentenza tal-***Qorti tal-Appell***, datata l-***31 ta' Mejju, 2002***, fl-ismijiet ***Connie mart Anthony Galea et vs. Joseph Gauci et***, ipprezentata mill-istess rikorrenti annessa mal-istess nota ta' sottomissjonijiet taghhom, (ara foll 197), liema sentenza tghid is-segwenti:

> "... dwar is-supremazija tal-volonta` tat-testatur, l-ezercizzju li effettivament irid jigi kondott mill-qorti bhala parti minn din it-tfittxija tal-volonta` vera tat-testatur m'ghandu qatt isir b'mod li l-fatti cirkostanzjali jew konkomitanti rigwardanti t-testatur jithallew jippredominaw kwazi ghal kollox fuq dak li jkun jinsab imnizzel fit-testment.... (ara foll 204)
>
> "Huwa minnu li bhala norma meta l-kliem f'testment jew f'kuntratt, xi jkun, ikun car u inekwivoku mhuwiex lecitu li dan jigi sostitwit bl-intruzjoni ta' fatti cirkostanzjali", (ara foll 205);

12. Illi fid-dawl tal-insenjamenti fuq riferiti l-obbligu ewlieni ta' din il-qorti hu, qabel xejn, dak li thares lejn il-kliem testwali tat-testment biex tistabbilixxi jekk dawn humiex cari jew minflok refrattarji;

Ikkunsidrat:

13. Illi ezami lingwistiku, logiku u strutturali tat-testment *"unica charta"* in dizamina, (ara foll 6), juri li l-istess testment hu verament wiehed redatt b'mod car u univoku;

14. Illi konsegwentement japplika l-principju Latin antik li:

> "ubii nulla ambiguitas verborum est faciende voluntatus questio"

15. Illi konsegwentement, la jirrizulta li fit-testment in dizamina ma hemm l-ebda ambigwita`, la lingwistika, la logika u lanqas strutturali, ma hemmx lok ta' indagini ulterjuri biex tigi kjarifikata l-volonta` tat-testaturi in dizamina;

16. Illi ghalhekk fl-apprendiment tal-istess testment ghandu japplika unikament is-sens normali tal-kliem hemm uzat kif komunement mifhum u uzat mill-generalita` tal-pubbliku;

Ikkunsidrat:

17.0. Illi permezz tat-testment *"unica charta"* in dizamina t-testaturi fuq riferiti ddeterminaw sintetikament is-segwenti:

17.1. Illi hassru u rrevokaw kwalunkwe testment li setghu precedentement ghamlu, (ara foll 6);

17.2. Illi nnominaw u istitwew lis-superstiti fosthom bhala eredi universali u padrun assolut tal-gid kollu taghhom, (ara foll 6);

17.3. Illi *di piu`*, taw ukoll il-fakulta` lil xulxin li jiddisponu mill-istess gid li hekk jghaddi ghand is-superstiti kif jidhrilhom l-istess superstiti, (ara foll 7);

17.4. Illi *di piu`*, ippostulaw ukoll li fl-eventwalita` li jmutu flimkien u fl-istess hin, iddeterminaw is-segwenti:

17.4.1. Illi l-eredi universali jkunu Rose, Christopher u Valerie, ilkoll Deguara, (ara foll 7);

17.4.2. Illi ihallu wkoll is-somma ta' Lm15,000.00 lil Mario Mercieca, (ara foll 7);

17.5. Illi bhala legat, ihallu in piena proprjeta` id-deheb tat-testatrici lil Valerie Deguara, (ara foll 7);

Ikkunsidrat:

18. Illi jirrizulta li r-rikorrenti Valerie Deguara, legatarja kif indikat fil-paragrafu precedenti, effettivament inghatat id-deheb tat-testatrici *ai termini* tal-istess testment in dizamina, (ara foll 93);

Ikkunsidrat:

19. Illi in effetti jirrizulta assodat li l-kliem uzat fit-testment *"unica charta"* in dizamina hu kliem car, univoku, mhux ambigwu u ma jhalli l-ebda lok ghall-interpretazzjoni differenti minn dak hemm komunement intiz;

20. Illi fl-opinjoni tal-qorti l-kliem uzat allura hu effettivament car bizzejjed biex jinftiehem inekwivokabbilment, u b'hekk din il-qorti m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li tifhem kif hemm intiz, bhala l-espressjoni cara tax-xewqat tat-testaturi fir-rigward;

Ikkunsidrat:

21. Illi in vista tal-istess, ir-raba` (4) u l-hames (5) klawsola hemm estizi, (ara foll 7), ma jirrizultax li fil-fatt dahhlu fis-sehh *stante* li l-kondizzjoni determinanti hemm indikata biex jidhlu hekk fis-sehh dawn il-klawsoli – dik li t-testaturi jmutu flimkien u fl-istess hin – m'avveratx ruha;

22. Illi senjatament, huwa abbundantement car li l-kondizzjoni li t-testaturi jmutu flimkien fl-istess hin ma rrizultatx li avverat ruhha *stante* li fic-certifikat tal-mewt tat-testatur Edward Camilleri li miet fit-2 ta' Lulju, 2010, hu gie gia` hemm indikat bhala "armel" minn martu Giuseppa (Josephine) Camilleri nee` Mamo, (ara foll 18), u dan, *stante* li l-istess Josephine kienet fil-fatt mietet fiz-19 t'Awwissu, 2007, (ara foll 22);

Ikkunsidrat:

23. Illi f'dan ir-rigward issir riferenza ghall-artiklu 745 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipula s-segwenti:

"(1) Disposizzjoni ta' testment tibqa` minghajr effett jekk il-persuna li favur taghha tkun saret tmut qabel it-testatur;

"(2) Izda, id-dixxendenti tal-werriet jew tal-legatarju jidhlu minfloku fil-wirt jew fil-legat kull meta, kieku s-successjoni kienet *ab intestato*, kien ikollhom il-jedd tar-rapprezentazzjoni, barra minn meta t-testatur ikun iddispona xort'ohra, jew il-legat ikun ta' uzufrutt, uzu, jew abitazzjoni, jew ta' jedd iehor minnu nnifsu personali";

Ikkunsidrat:

24.0. Illi fid-dawl tas-suespost, il-fatti li jirrizultaw mill-analizi tax-xhieda u dokumentazzjoni prodotta jistghu jigu elenkati bil-mod segwenti:

24.1. Illi l-ko-testatrici Josephine Camilleri qatt ma wirtet lil zewgha Edward Camilleri;

24.2. Illi l-fatt riskontrat u elenkat fil-paragrafu precedenti hu rizultat tal-fatt li l-istess Josephine effettivament ipprecediet lil zewgha u mietet qabel l-imsemmi Edward, (ara foll 18 u 22);

24.3. Illi konsegwenza diretta tal-istess trapass precedenti ghal dak ta' zewgha d-disposizzjoni indikata fl-artiklu 745(2) tal-Kap 16 fuq riferit qatt ma skattat;

24.4. Illi mill-klawsola numru 2 tat-testment in dizamina jirrizulta assodat li l-konjugi Camilleri riedu u espressament stipulaw li l-konjugi li jibqa` superstiti minnhom jiret li dak li jmut l-ewwel;

24.5. Illi tenut kont tal-fatt li Josephine Camillleri mietet qabel zewgha Edward, allura hu dan tal-ahhar li jirrizulta li kien l-uniku eredi tal-gid tal-konjugi, u dan, *stante* li l-istess martu mietet tlett (3) snin qabblu, (ara foll 22);

Ikkunsidrat:

25. Illi *di piu`*, ghandu jkun pacifiku wkoll li r-raba` (4) u l-hames (5) klawsoli tat-testment *de quo* kienu jiskattaw biss fl-eventwalita` li t-testaturi jmutu flimkien u fl-istess hin, (ara foll 7);

26. Illi ghar-raguni fuq gia` esposta din il-kundizzjoni m'avveratx ruhha u konsegwentement, l-effetti naxxenti mill-istess ma jistghawx jiskattaw favur ir-rikorrenti kif qed jippretendu;

Ikkunsidrat:

27. Illi jigi sottolineat f'dan l-istadju li t-testment *"unica charta"* in dizamina jonqos milli jirregola x'kellu jigri mill-gid tas-superstiti fosthom – f'dan il-kaz tad-*decuis* Edward Camilleri;

Ikkunsidrat:

28. Illi f'dan ir-rigward issa ssir referenza ghall-artiklu 812 tal-Kap 16 tal-istess Ligijiet fuq indikati li jistipula s-segwenti:

> "Meta l-mejjet ma jhalli warajh ebda tfal jew dixxendenti ohra, lanqas lil martu jew zewgha, il-wirt jghaddi:
>
> "(a) jekk ikun hemm axxendent jew axxendenti u ma jkunx hemm qraba kollaterali diretti: ghall-eqreb axxendent jew axxendenti;
>
> "(b) jekk ikun hemm axxendent jew axxendenti u qraba kollaterali diretti: nofs ghall-eqreb axxendent jew axxendenti u n-nofs l-iehor ghall-qraba kollaterali diretti;
>
> "(c) jekk ma jkun hemm ebda axxendent jew axxendenti izda jkun hemm qraba kollaterali diretti; u
>
> "(d) jekk la jkun hemm axxendent jew axxendenti u lanqas qraba kollaterali diretti: ghall-eqreb qarib kollaterali tkun liema tkun il-linja li fiha jkun jinsab dak il-qarib kollaterali";

Ikkunsidrat:

29. Illi l-artiklu 813 tal-istess Kap indikat fil-paragrafu precedenti li hu komplimentari ma' dak precedenti, jkompli jikkjarifika s-sitwazzjoni in dizamina billi jistipula dettaljatament is-segwenti:

> "(1) Ghall-fini tal-artiklu 812, qraba kollaterali diretti jfissru ahwa subien u bniet, sew jekk ikunu ahwa sewwa kemm jekk ikunu ahwa mill-missier u mill-omm biss jew addottati, u dixxendenti tal-ahwa subien u bniet li jkunu mietu qabel, sew jekk ikunu ahwa sewwa kemm jekk ikunu ahwa mill-missier jew mill-omm biss;
>
> "(2) L-ahwa subien u bniet jirtu *per capita* u d-dixxendenti taghhom *per stirpes* skont l-artikli 804 u 805";

Ikkunsidrat:

30. Illi in vista tal-artikli 812 u 813 tal-Kap 16 fuq riprodotti, u fid-dawl tar-rizultanzi fattwali fuq elenkati, ghandu jkun pacifiku li l-unici werrieta ta' Edward Camilleri in dizamina huma effettivament l-intimati u mhux ir-rikorrenti;

31. Illi *di piu`*, *stante* li jirrizulta wkoll debitament assodat li l-kundizzjoni imposta mit-testaturi li jekk imutu flimkien u fl-istess hin ihallu Lm15,000.00 in piena proprjeta` lir-rikorrenti Mario Mercieca ma avveratx ruhha, dan l-ammont hekk hawn indikat ghalhekk ma jirrizultax dovut lill-istess Mario Mercieca *stante* li l-kundizzjoni skattanti in dizamina ma sehhitx;

Ikkunsidrat:

32.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti tqis li r-rikorrenti ma pprovawx il-kaz taghhom skont il-ligi u konsegwentement:

**DECIDE:**

32.1. Filwaqt li takkolji r-risposti kollha tal-intimati;

32.2. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

32.3. Bl-ispejjez kif dedotti fir-risposta tal-intimati kontra r-rikorrenti.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**